**Kulleġġ San Tumas More**

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

**IR-RELIĠJON**

**Is-Sitt Sena** **Frar 2015** **Ħin: Siegħa u kwart**

**Isem:**________________________

**Klassi:**________________________

**Total ta' marki:**



**Taqsima A: Storja ta' Mħabba** **(10 marki)**

**A.1: Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Profeti | Abraham | Marija | Sawlu |
| Bibbja | ~~**allat**~~ | kuxjenza | Adam |
| | Appostli. | kmandamenti | deżert |

1. In-nies ta' żmien il-qedem kienu jħossu l-ħtieġa li jaduraw l-**allat**.
2. L-appostlu San Pawl kien jismu _______________ qabel iltaqa' ma' Ġesù.
3. Alla sejjaħ lil __________________ biex jibda poplu.
4. Il-pjan t'Alla għalina huwa kollu miktub fil-__________________.
5. _______________ kien l-ewwel bniedem fid-dinja.
6. Il-leħen t'Alla fina hija l-__________________________.
7. Alla tana l-_______________________ biex ngħixu ħajja tajba.
8. Alla għażel lil ____________________ biex tkun Omm Alla.
9. Il-____________________ kienu jwasslu l-messaġġ t'Alla lill-poplu.
10. Wara żmien fid-___________, il-poplu Lhudi daħal fl-Art Imwiegħda.
11. Ġesù ġabar lill-___________________ biex jieħdu sehem fix-xogħol tiegħu f'din id-dinja.

**A.2: Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba**: **(10 marki)**

**(L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju)**

1. (Iċ-Ċenturjun, <u>Ġesù</u>, il-Farawni) ppriedka u għamel ħafna mirakli.
2. (Ġakobb, Erodi, David) kien ragħaj u ġie midluk mill-profeta Samwel.
3. (Ġwanni l-Battista, Ġużeppi, Eżekjel) huwa l-aħħar fost il-profeti.
4. (San Ġwann, San Franġisk, San Stiefnu) huwa wieħed mill-erba' Evanġelisti.
5. (Marija ta' Magdala, Eliżabetta, Anna) hija l-kuġina tal-Madonna.
6. (Sawlu, Salamun, Il-Farawni) kien re għaref ħafna.
7. (Abraham, Ġakobb, Elija) kien lest li jissagrifika lil ibnu għal Alla.
8. (San Lawrenz, San Luqa, San Pawl) iltaqa' ma' Ġesù fi triqtu lejn Damasku.
9. (Iżakk, Mosè, Pilatu) ħeles lill-poplu Lhudi mill-jasar.
10. (San Pietru, San Mattew, San Ġużepp) kien il-kap tal-Appostli.
11. (Samwel, Isaija, Żakkarija) kien il-profeta li ħabbar il-miġja tal-Messija.





**Taqsima B : Il-Bibbja** **(10 Marki)**

**B.1: Immarka VERU jew FALZ. L-ewwel waħda hija lesta:**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Bibbja tinqasam fi tliet taqsimiet kbar. | | ✓ |
| 2. | Il-ġrajjiet fit-Testment il-Qadim juru l-imħabba t'Alla għall-bniedem. | | |
| 3. | San Luqa u San Mattew huma profeti kbar. | | |
| 4. | L-Evanġelisti kitbu xi ġrajjiet tat-Testment l-Antik. | | |
| 5. | Il-Bibbja fiha 73 ktieb. | | |
| 6. | It-Testment il-Ġdid jibda minn meta Alla jagħżel lil Marija biex tkun omm Ġesù. | | |
| 7. | Mosè huwa persunaġġ tat-Testment il-Qadim. | | |
| 8. | L-Appostli jissemmew ħafna fit-Testment il-Qadim. | | |
| 9. | Fil-quddiesa naqraw siltiet mill-Bibbja. | | |
| 10. | It-Testment il-Qadim jibda bil-ġrajja tal-ħolqien. | | |
| 11. | Hemm 21 ittra miktuba mill-Appostli fosthom San Pawl. | | |

**Taqsima Ċ: Il-Kalendarju** **(10 marki)**

**Ċ.1: Imla l-vojt b'kelma li tixraq. L-ewwel ittra ta' kull kelma hija lesta. (L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju)**

1. Biex niftakru fil-ġrajjiet importanti tal-ħajja ta' Ġesu', aħna l-Insara għandna s-Sena __**Liturġika**___ li tieħu sena sħiħa.

2. Din tibda lejn l-aħħar ta' **N**____________________________.

3. Matul l- **A**_________________, aħna nippreparaw ruħna għall-**M**___________ ta' Ġesù fostna.

4. Fi żmien il-**M**___________________ niftakru fit-twelid ta' Sidna Ġesù u niċċelebraw il-festa ta' **M**______________ Omm Alla fl-ewwel ta' Jannar.

5. Fl-**E**___________________ niftakru fil-ġrajja tal-Maġi.

6. Żmien ir-**R**___________________ huwa żmien ta' sagrifiċċju li fih inħejju ruħna għall-**GĦ**______________ il-Kbir li hija l-akbar festa għalina l-Insara.

7. Fil-festa tal-**P**____________________ niftakru meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli.

8. Il-festa ta' **K**______________ Re tagħlaq is-sena tal-Knisja.

**Ċ.2: Ikteb l-ismijiet tal-kuluri fil-kaxxa li jintużaw matul is-Sena tal-Knisja. (4 marki)**

**L-ewwel waħda hija lesta.**

| L-Avvent | Il-Milied | Ir-Randan | L-Għid | Żmien ta' Matul is-Sena |
|---|---|---|---|---|
| **Vjola** | | | | |

**Ċ.3: Ikteb sentenza dwar it-tifsira ta' dawn is-sagramenti li ġejjin.**

**Magħmudija**

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 Marki)

**Griżma tal-Isqof**

_______________________________________________

_______________________________________________(3 Marki)



**Taqsima D : Il-Milied** **(10 marki)**

**D.1: Qabbel kolonna A ma kolonna B. L-ewwel waħda hija lesta:**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Milied huwa żmien ta' ferħ | | Alla xtaq li ssir Omm Ġesù. |
| 2 | Aħna l-Insara niftakru wkoll li | | minbarra d-dnub. |
| 3 | L-Anglu Gabrijel ħabbar lil Marija li | | l-glorja, il-ħniena u l-imħabba tiegħu lejna. |
| 4 | Ġużeppi kien jaħdem | | Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet. |
| 5 | Ġesù twieled | 1 | li fih niftakru fit-twelid ta' Sidna Ġesù. |
| 6 | Kien hemm xi ragħajja | | ta' mastrudaxxa. |
| 7 | Il-Milied huwa | | taw xi rigali lil Ġesù. |
| 8 | Ġesù huwa bniedem bħalna | | l-Iben t'Alla sar bniedem għalina. |
| 9 | Is-Slaten Maġi | | festa ta' paċi. |
| 10 | Fil-Milied inkantaw | | fil-għar ta' Betlehem. |
| 11 | Fil-Milied Alla l-Missier wera | | li dehrilhom anġlu biex jagħtihom l-aħbar it-tajba. |

**D.2: Ikteb l-isem tal-personaġġ. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju: (5 marki)**

1. Din twieldet mingħajr dnub u kellha tkun Omm Alla. **Marija**

2. Il-missier putattiv ta' Ġesù. ______________________

3. Il-messaġġier t'Alla . ______________________

4. Dawn taw xi rigali lil Ġesù . ______________________

5. Dan għamel l-ewwel presepju ħaj. ______________________

6. Qaddis Malti li beda l-purċissjoni tal-Bambin Ġesù. ______________________

**Taqsima E: Nikkomunikaw (8 marki)**

**E.1: Aqra din is-silta u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet:**

Ġesù kien iħobb jgħallem bil-parabboli biex iwassal il-messaġġ ta' salvazzjoni lill-poplu. Darba qalilhom li kien hemm ragħaj li kellu mitt nagħġa. Iżda darba waħda sab li waħda minnhom ma kinitx mal-oħrajn. Minkejja li kellu disgħa u disgħin nagħġa oħra, dan xorta mar ifittixha.

Ħa ħafna ħin ifittex lil din in-nagħġa. Fl-aħħar irnexxielu jsibha. Refagħha fuq spallejh u mar lura biha d-dar. Tant kemm kien ferħan li talab lill-qraba u l-ġirien jifirħu miegħu wkoll.

Ġesù qalilhom it-tagħlima ta' din il-parabbola. Qalilhom li meta l-bniedem jitlob maħfra tad-dnub li jkun għamel u jerġa' jingħaqad ma' Alla l-Missier ikun hemm ferħ kbir fis-smewwiet.

1. X'għamel ir-ragħaj meta nduna li kellu nagħġa nieqsa?

______________________________________________________________

*(marka)*

2. Għaliex aħna nħarsu lejn Ġesù bħala r-ragħaj it-tajjeb?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

*(2 marki)*

3. Semmi  l-isem ta-sagrament li jfakkarna f'din il-parabbola.

________________________________________________________________

*(2 marki)*

4. X'għamel Ġesù biex jurina kemm lilna jħobbna tassew?

__________________________________________________________________

*(marka)*

5. X'għandna nagħmlu bħala Nsara biex nuru ħniena bħal dik tar-ragħaj it-tajjeb?

__________________________________________________________________

*(2 marki)*



**E.2: Ikteb in-numri (2-5) biex tagħmel dawn wara xulxin.
L-ewwel waħda hija lesta: (4 marki)**

**Biex inqerru tajjeb irridu niftakru li sejrin niltaqgħu ma' Ġesù u mbagħad:**

| | |
|---|---|
| Nagħtu kelma lil Alla li ma nerġgħux. | |
| Nagħmlu l-għemil tajjeb li jagħtina l-konfessur. | |
| Nindmu minnhom. | |
| Naħsbu dnubietna sewwa. | 1 |
| Inqerruhom kollha. | |

**E.3: Fil-Bibbja kien hemm nies li għamlu ħażin u wara talbu maħfra lil Alla. X'għamlu dawn biex ipattu għad-dnubiet tagħhom? (6 marki)**

Żakkew

______________________________________________

______________________________________________

San Pawl

______________________________________________

______________________________________________

San Pietru

______________________________________________

______________________________________________

**Taqsima F: Simboli ta' Mħabba** **(8 marki )**

**F.1: Agħmel ✓ taħt Tajjeb jew Mhux Tajjeb. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | Tajjeb | Mhux Tajjeb |
|---|---|---|---|
| 1 | Nobdi u ngħin lill-ġenituri u dawk li jieħdu ħsiebi | ✓ | |
| 2 | Nagħti r-rigali għax bilfors. | | |
| 3 | Niġġieled biex inweġġa' lil ħaddieħor anke jekk ikolli raġun. | | |
| 4 | Inkellem lil xi ħabib bil-ħlewwa jekk ikun qed jagħmel xi ħaġa ħażina. | | |
| 5 | Nagħti l-għajnuna biex ħaddieħor jgħinni. | | |
| 6 | Nifhem lil dawk in-nies ta' reliġjonijiet oħra u nurihom rispett. | | |
| 7 | Naħfer mill-qalb lil min xi darba għamilli xi tip ta' ħsara. | | |
| 8 | Biex tassew inħobb irrid inbati. | | |
| 9 | Ngħid fuq xi ħadd ma' ħaddieħor anke jekk dak li qed ngħid huwa veru. | | |

**F.2: Ikteb żewġ sentenzi dwar ġrajja mill-Bibbja li fiha jissemma s-simbolu tan-nar. (4 marki)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**F.3: Aqra din is-silta mill-Evanġelju u wieġeb il-mistoqsijiet. (5 marki)**

*"Jien il-ħobż ħaj li nieżel mis-sema; jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem; u l-ħobż li jiena nagħti hu ġismi għall-ħajja tad-dinja."*

1.Min qal dan il-kliem? *(marka)*

______________________________________________________________

2. Għaliex taħseb li ntqal dan il-kliem? *(2 marki)*

______________________________________________________________

3. Liema sagrament għandu x'jaqsam mal-ħobż ħaj tas-sema? *(2 marki)*

______________________________________________________________

TMIEM